# IL-COTTONERA FIL-HAMRUN

## "SKETCH" FIL-QOSOR

Il-gwerra li ninsabu għaddejjin minnha ġiebet taqlib li ħadd ma kien jobsor bih u jekk kien hawn xi ħadd li basru żgur ma kienx iġibu fil-kobor li ġie. Hemm taqlibiet oħra, iżda, li kien jobsorhom kull min f'moħħu għandu ftit melħ.

Taqliba li aktarx kullħadd kien jobsor biha hija t-tbattil tan-nies minn naħa għall-oħra ta' Malta, l-aktar ta' dawk in-nies li joqogħdu qrib l-imkejjen perikulużi.

Meta l-Gvern kien qiegħed iħejji l-Proġett tat-Tbattil, in-nies tal-Cottonera, magħrufin bin-nies tat-Tlitt Ibliet — l-Isla, il-Birgu u Bormla — kienu l-ewlenin fi ħsiebu. Qrib it-Tarzna, dawn it-Tlitt Ibliet ma setax ma jmisshomx is-sehem kiefer li misshom bil-ħbit tal-għadu mill-ajru.

In-nies tal-Cottonera, l-aktar nies ħaddiema, bieżla, dħulin u minn tagħna li qatt iltqajt magħhom, kellhom fuq qalbhom iħallu bliethom u jaraw fejn se jmorru jdabbru rashom. Mhux biss djarhom u t-toroq rebbieħa u storiċi tagħhom sfaw imġarrfin, imma wkoll il-knejjes għeżież tagħhom, xejn inqas storiċi u sbieħ.

Jien ukoll, ma' qrabati, kelli bil-qalb it-tajba nwarrab mill-Belt Valetta, fejn twelidt u trabbejt. Dar dar u triq triq, din il-belt ta' qalbi missha s-sehem tagħha wkoll.

U dari, għal ma' tul il-gwerra għamiltha l-Ħamrun. Qrib fejn noqgħod jien, hemm igħixu familji sħaħ mill-Cottonera. Min jaf kemm il-darba, kif kont għaddej imħasseb minn dawn it-toroq, ħassejtni nqum donni minn ħolma x'ħin nisma' nisa mill-Cottonera jitkellmu minn triq għall-oħra bl-aċċent imħejjem tagħhom u b'dik l-ittra ta' bejn il-*k* u l-*q* li huma jleħħnu minn gerżumithom u li fl-alfabet Malti ma għandniex bħalha—ittra li dawk li ma tweldux fil-Cottonera għalxejn jippruvaw ileħħnu.

Min qatt kellu jħallem lil Rafel u lil Nikol Cottoner, il-Gran Mastri aħwa li għalihom huma msemmijin it-Tlitt Ibliet, x'kellhom jerġgħu jaraw in-nies ta' l-Isla, il-Birgu u Bormla! Dan il-ħsieb bosta drabi għadda minn moħħi u missli qalbi!

Din il-biċċa fejn jgħixu dawn in-nies nistħajjilha Soho, dik in-naħa fil-Punent ta' Londra li jgħixu fiha l-aktar il-barranin, il-kotra Taljani.

Tgħid Malta għad titlef id-djaletti tagħha minħabba dan it-tbattil u t-taħlit bejn nies ta' belt u oħra u ta' raħal u ieħor, ġie li ħsibt bejni u bejn ruħi ?—Le, hija t-tweġiba li tagħti qalbi minnufih kull darba li jgħaddili dan il-ħsieb. U quddiem ħsibijieti tieġġ ommi. Ommi twieldet il-Birgu. Twieldet biss. Meta kienet għadha tarbija n-nanna ġibitha l-Belt fejn baqgħet tgħix sakemm iżżewġet u xjieħet. Ħaġa tal-għaġeb ! Għad li ħadd minnà ma jitkellem bħal tal-Cottonera, ommi baqgħet titkellem bl-aċċent tal-Belt Rebbieħa fejn twieldet. Billi din il ħaġa tidher għariba, għalina, uliedha bosta drabi ninbxuha bi ħliqa u nitolbuha tleħħen kliem bħal *qagħqa, qatt, qamt*, biex noqogħdu nisimgħuha titkellem bl-ilsien li hija redgħet ma' ħalib ommha fil-Birgu.

* * *

Darba waqaft nitkellem ma' familja mill-Birgu, li issa qiegħda tgħammar fil-Ħamrun. Biex nistħarreġ x'imġiba għamlet fuqhom il-bidla tal-qagħda tagħhom mit-toroq dojoq dojoq tal-Birgu għat-toroq wesgħin u kbar tal-Ħamrun jiena staqsejthom jekk wara l-gwerra humiex fi ħsiebhom jibqgħu joqogħdu f'dan is-subborg.

Ma lħaqtx temmejt il-mistoqsija tiegħi. Tweġiba msieħba minn aktar minn tliet ilħna kienet: "Fil-Birgu trabbejna u hemm irridu mmutu. Malli nisimgħu l-kelma hekk mixtieqa tal-paċi lkoll kemm aħna nerġgħu għal hemm, imqar fi kmajra nofsha mġarrfa".

N. Biancardi.